**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **ID-DIRETTIVA 2000/25/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL**

**tat-22 ta' Mejju 2000**

**dwar l-azzjoni li għandha tittieħed kontra l-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni għat-tmexxija ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE**

(ĠU L 173, 12.7.2000, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Direttiva tal-kummissjoni (KE) Nru 2005/13/KE tal-21 ta' Frar 2005 | L 275M | 172 | 6.10.2006 |
| ►M2 | Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006 | L 352M | 709 | 31.12.2008 |
| ►M3 | Direttiva tal-Kummissjoni 2010/22/UE tal-15 ta' Marzu 2010 | L 91 | 1 | 10.4.2010 |
| ►M4 | Direttiva 2011/72/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 | L 246 | 1 | 23.9.2011 |

Emendata minn:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ►A1 | Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea | L 236 | 33 | 23.9.2003 |

▼B

# ID-DIRETTIVA 2000/25/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

## tat-22 ta' Mejju 2000

## dwar l-azzjoni li għandha tittieħed kontra l-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni għat-tmexxija ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilità fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Biex ikun assigurat il-funzjonament kif suppost tas-suq intern, id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija ([4]) u t-22 Direttivi speċifiċi adottati bejn l-1974 u l-1989 li armonizzaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'dan il-qasam;

(2) Billi biex ikun salvagwardat aktar l-ambjent, huwa meħtieġ li l-miżuri diġa adottati jkunu supplimentati bid-Direttiva tal-Kunsill 77/537/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjonijiet ta' inkwinanti minn magni diesel għall-użu fi tratturi bir-roti, għall-agrikoltura jew għall-forestrija ([5]), (opaċità ta' gass ta' l-*exhaust*) ma' miżuri oħra li jirrigwardaw, b'mod partikolari, mal-emissjonijiet fiżjokimiċi. B'referenza għad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

([1]) ĠU C 303, tat-2.10.98, p. 9.
([2]) ĠU C 101, tat-12.04.99, p. 13.
([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 1999 (ĠU C 279, ta' l-1.10.1999, p. 209), il-Posizzjoni komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 1999 (ĠU C 17, ta' l-20.1.2000, p. 13) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2000 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 84, tat-28.03.1974, p. 10. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/54/KE (ĠU L 277, ta' l-10.10.97, p. 24).
([5]) ĠU L 220, tad-29.08.1977, p. 38. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/54/KE.

▼B

tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni bil-kombustjoni interna li għandhom ikunu stallati f'makkinarju mobbli mhux għas-sewqan fit-triq ([1]), din id-Direttiva tipprovdi l-limiti tal-valuri għall-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati li għandhom jiġu applikati fi stadji suċċessivi, u l-proċedura tat-test tal-magni bil-kombustjoni interna intiżi biex imexxu tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija. Konformità mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti fil-forma ta' gass minn magni diesel f'vetturi ([2]), tista' tkun aċċettata bħala konformità mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

(3) Biex ikun iffaċilitat l-aċċess għal swieq ta' pajjiżi terzi, huwa meħtieġ li tkun stabbilita ekwivalenza bejn il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva għall-ewwel stadju l-ħtiġiet stabbiliti fir-Regolament Nru 96 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/KEE) dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti ta' magni bil-*compression ignition* intiża biex tkun immuntata fuq tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija skond l-emissjonijiet tagħhom ta' inkwinanti.

(4) Biex ikunu massimizzati l-benefiċċji għall-ambjent Ewropew u, fl-istess waqt biex tkun assigurata l-unità fis-suq, huwa meħtieġ li jiġu adottati standards mandatorji stretti f'intervalli regolari. Kull tnaqqis ieħor fil-limiti tal-valuri u kull tibdiliet fil-proċedura tat-test jistgħu jiġu adottati biss fuq il-bażi ta' studji u riċerka li għandhom ikunu mwettqa fil-potenzjal teknoloġiku eżistenti prevedibbli u fl-effettività skond in-nefqa tiegħu, biex tkun permissibbli l-produzzjoni fuq skala industrijali ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija li jistgħu jkunu konformi ma' dawn il-limiti aktar ibsin.

(5) Il-progress tekniku jeħtieġ adattabilità rapida għall-ħtiġiet tekniċi stabbiliti fl-Annessi li jinsabu ma' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni hija mpenjata li tallinja mingħajr dewmien il-limiti tal-valuri u dati f'din id-Direttiva għall-bidliet fil-futur fid-Direttiva 97/68/KE. F'kull każ meta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li timplimenta r-regoli imħejjija għat-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, proċedura ta' konsultazzjoni bil-quddiem li tinvolvi l-Kummissjoni u l-Istati Membri li jiltaqg]u f'kumitat għandha tkun introdotta.

---

([1]) ĠU L 59, tas-27.02.98, p. 1.

([2]) ĠU L 36, tad-9.02.88, p. 33. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/1/KE (ĠU L 40, tas-17.2.1996, p. 1).

▼B

(6) Il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva jissupplimentaw dawk tad-Direttiva 77/537/KEE, li għaliha hemm referenza fid-Dettall 2.8.1 ta' l-Anness II li jinsab mad-Direttiva 74/150/KEE; id-Direttiva 74/150/KEE għalhekk għandha l-ħtieġa li tkun emendata biex iżżid Dettall ġdid 2.8.2 fl-Anness II li jkopri s-suġġett trattat minn din id-Direttiva flimkien mar-referenza SD (Direttiva Speċifika).

(7) L-għan tat-tnaqqis tal-livell ta' emissjonijiet ta' inkwinanti minn tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-iffunzjonar xieraq tas-suq intern għal dawk il-vetturi ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri individwali u jista' għalhekk jinkiseb aħjar bl-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardjaw il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-inkwinanti ta' l-arja minn dawk il-vetturi. Il-miżuri li jinsabu f'din id-Direttiva ma jmorrux 'l hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din il-Direttiva:

— “trattur għall-agrikoltura jew għall-forestrija” (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi bħala “trattur”) tfisser kull vettura kif definita fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 74/150/KEE,

— “magna” tfisser kull magna b'kombustjoni interna intiża biex tħaddem it-tratturi kif definiti fl-Anness I,

— “approvazzjoni tat-tip ta' tip jew familja ta' magna bħala unità teknika separata dwar l-emissjonijiet ta' inkwinanti” tfisser l-istrument li bih Stat Membru jiċċertifika li tip jew familja ta' magni intiżi biex iħaddmu tratturi jkunu konformi mal-ħtiġiet tekniċi ta' din id-Direttiva,

— “approvazzjoni tat-tip ta' tip ta' trattur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' inkwinanti” tfisser l-istrument li bih Stat Membru jiċċertifika li tip ta' trattur mgħammar b'magna jkun konformi mal-ħtiġiet tekniċi ta' din id-Direttiva,

— “familja ta' magni” tfisser żewġ tipi jew aktar ta' magni li huma simili fid-disinn u li, għalhekk, ikollhom karatteristiċi li huma komparabbli f'termini ta' emissjonijiet ta' inkwinanti,

▼M1

— magna ta’ sostituzzjoni' tfisser magna ġdida li tissostitwixxi magna f’makkinarju u li ġiet ipprovduta għal dan il-għan biss,

▼M4

— “skema ta' flessibbiltà” tfisser il-proċedura ta' eżenzjoni li permezz tagħha Stat Membru jippermetti t-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' numru limitat ta' tratturi f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 3a,

— “kategorija tal-magna” tfisser il-klassifikazzjoni tal-magni li tgħaqqad il-medda tal-qawwa mal-istadju tal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost,

— “magħmula disponibbli fis-suq” tfisser kwalunkwe forniment ta' trattur jew magna għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas u kemm jekk mingħajr ħlas,

— “tqegħid fis-suq” tfisser l-ewwel darba li trattur jew magna jkunu magħmula disponibbli fis-suq,

— “dħul fis-servizz” tfisser l-ewwel użu, għall-iskop maħsub għalihom, fl-Unjoni ta’ trattur jew magna. Id-data li fiha jiġu reġistrati, jekk ikun applikabbli, jew jitqiegħdu fis-suq għandha titqies bħala d-data tad-dħul fis-servizz.

▼B

*Artikolu 2*

**Proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip**

Il-proċedura għall-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip għal tip jew familja ta' magna dwar emissjonijiet ta' inkwinanti, il-proċedura għall-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip għal tratturi dwar l-emissjonijiet ta' l-inkwinanti, u l-kundizzjonijiet tat-tqegħid mhux ristrett fis-suq ta' dawk il-magni u tratturi, huma kif stabbiliti fid-Direttiva 74/150/KEE.

*Artikolu 3*

**Obbligazzjonijiet**

1. Bla ħsara għall-Artikolu 5, kull tip jew familja ta' magna għandha tkun konformi mal-ħtiġiet ta' l-Anness I.

2. Kull tip ta' trattur għandu jkun konformi mal-ħtiġiet ta' l-Anness II. F'dan ir-rigward l-approvazzjonijiet tat-tip ta' tip jew familji ta' magna li jkunu ġew approvati skond l-Anness I jew id-disposizzjonijiet imsemmija fl-Anness III għandhom jiġu rikonnoxuti.

▼M1

3. Il-magni ta’ sostituzzjoni għandhom jikkonformaw mal-valuri ta’ limitu li l-magna li ser tiġi sostitwita kellha tilħaq meta oriġinarjament ħarġet fuq is-suq.

Tikketta bil-kliem “MAGNA TA’ SOSTITUZZJONI” għandha titwaħħal mal-magna jew tiddaħħal fil-manwal ta’ l-użu.

▼M4

*Artikolu 3a*

**Skema ta' flessibbiltà**

B'deroga mill-Artikolu 3(1) u (2), l-Istati Membri għandhom jipprovdu li, fuq talba tal-manifattur tat-trattur, u bil-kondizzjoni li l-awtorità ta' approvazzjoni tkun tat il-permess rilevanti għat-tqegħid fis-suq f'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Anness IV, numru limitat ta' tratturi mgħammra b'magni approvati f'knofrmità mar-rekwiżiti tal-istadju tal-limiti tal-emissjonijiet li jippreċedi immedjatament dak applikabbli jistgħu jidħlu fis-servizz.

L-iskema ta' flessibbiltà għandha tibda meta stadju speċifikat isir applikabbli u għandu jkollha l-istess tul daqs l-istadju nnifsu. L-iskema ta' flessibbiltà stipulata fit-Taqsima 1.2 tal-Anness IV għandha, madankollu, tkun ristretta għat-tul tal-Istadju III B jew għal 3 snin meta ma jkun jeżisti l-ebda stadju sussegwenti.

▼B

*Artikolu 4*

**Programm**

1. L-Istati Membri m'għandhomx wara t-30 ta' Settembru 2000:

— jiċħdu li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali dwar xi tip jew familja ta' magna, jew

— jipprojbixxu l-bejgħ, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' xi magna ġdida, jew

— jiċħdu li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' tratturi, jew,

— jipprojbixxi l-użu, l-bejgħ jew dħul inizjali fis-servizz ta' tipi ta' tratturi,

fuq il-bażi li tirrigwarda l-inkwinanti ta' l-arja jekk l-inkwinanti li joħorġu minn dawk il-magni jew il-magni immuntati ma' dawk it-tratturi jkunu konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu ma jagħtux aktar approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip jew familja ta' magni jew tip ta' trattur meta l-inkwinanti li joħroġ mill-magna ma jkunx konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva:

(a) fl-istadju I

— wara l-31 ta' Diċembru 2000 għall-magni tal-kategoriji B u Ċ (firxa ta' saħħa kif definita fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/68/KE);

▼B

(b) fl-istadju II

— wara l-31 ta' Diċembru 2000 għall-magni tal-kategoriji D u E (firxa ta' saħħa kif definita fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 97/68/KE);

— wara l-31 ta' Diċembru 2001 għall-magni tal-kategorija F (firxa ta' saħħa kif definita fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 97/68/KE);

— wara l-31 ta' Diċembru 2002 għall-magni tal-kategorija G (firxa ta' saħħa kif definita fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 97/68/KE);

▼M1

(c) fl-istadju III A

— wara l-31 ta' Diċembru 2005, għall-magni tal-kategoriji H, I u K (marġni ta' potenza kif definit fl-Artikolu 9(3a) tad-Direttiva 97/68/KE);

— wara l-31 ta' Diċembru 2006, għall-magni tal-kategorija J (marġni ta' potenza kif definit fl-Artikolu 9(3a) tad-Direttiva 97/68/KE);

(d) fl-istadju III B

— wara l-31 ta' Diċembru 2009, għall-magni tal-kategorija L (marġni ta' potenza kif definit fl-Artikolu 9(3ċ) tad-Direttiva 97/68/KE);

— wara l-31 ta' Diċembru 2010, għall-magni tal-kategoriji M u N (marġni ta' potenza kif definit fl-Artikolu 9(3ċ) tad-Direttiva 97/68/KE);

— wara l-31 ta' Diċembru 2011, għall-magni tal-kategorija P (marġni ta' potenza kif definit fl-Artikolu 9(3ċ) tad-Direttiva 97/68/KE);

(e) fl-istadju IV

— wara l-31 ta' Diċembru 2012, għall-magni tal-kategorija Q (marġni ta' potenza kif definit fl-Artikolu 9(3d) tad-Direttiva 97/68/KE);

— wara t-30 ta' Settembru 2013, għall-magni tal-kategorija R (marġni ta' potenza kif definit fl-Artikolu 9(3d) tad-Direttiva 97/68/KE).

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu d-dħul fis-servizz ta' magni u tratturi meta l-inkwinanti li joħorġu mill-magni ma jkunux konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva:

— wara t-30 ta' Ġunju 2001 għall-magni fil-kategoriji A, B u Ċ,

— wara l-31 ta' Diċembru 2001 għall-magni fil-kategoriji D u E,

— wara l-31 ta' Diċembru 2002 għall-magni fil-kategorija F,

— wara l-31 ta' Diċembru 2002 għall-magni fil-kategorija G,

▼M1

— wara l-31 ta’ Diċembru 2005 għall-magni tal-kategorija H,

— wara l-31 ta’ Diċembru 2006 għall-magni tal-kategorija I,

— wara l-31 ta’ Diċembru 2006 għall-magni tal-kategorija K,

— wara l-31 ta’ Diċembru 2007 għall-magni tal-kategorija J,

— wara l-31 ta’ Diċembru 2010 għall-magni tal-kategorija L,

— wara l-31 ta’ Diċembru 2011 għall-magni tal-kategorija M,

— wara l-31 ta’ Diċembru 2011 għall-magni tal-kategorija N,

— wara l-31 ta’ Diċembru 2012 għall-magni tal-kategorija P,

— wara l-31 ta’ Diċembru 2013 għall-magni tal-kategorija Q,

— wara l-30 ta’ Settembru 2014 għall-magni tal-kategorija R.

▼B

B'dana kollu, għal tratturi mgħammra b'magni tal-kategorija E jew F, id-dati ta' hawn fuq għandhom jiġu posposti b'sitt xhur.

4. Il-ħtiġiet tal-paragrafu 3 ma japplikawx għall-magni ntiżi biex ikunu stallati f'tipi ta' tratturi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u għall-bdil ta' magni għall-tratturi fis-servizz.

▼M1

5. Għall-magni tal-kategoriji A sa G, l-Istati Membri jistgħu jipposponu d-dati mniżżla fil-paragrafu 3 għal sentejn rigward magni b’data ta’ produzzjoni qabel id-data msemmija. Jistgħu jagħtu eżenzjonijiet oħra bil-kundizzjonijiet ta’ l-Artikolu 10 tad-Direttiva 97/68/KE.

6. Għal magni tal-kategoriji H sa R d-dati msemmija f’paragrafu 3 huma diferiti għal sentejn għal dawk il-magni li saru qabel id-data msemijja.

7. Għat-tipi ta’ magni jew kategoriji ta’ magni li jilħqu l-valuri ta’ limitu stabbiliti fl-iskeda f’sezzjoni 4.1.2.4, 4.1.2.5 u 4.1.2.6 ta' l-Anness I għad-Direttiva 97/68/KE qabel id-dati mniżżla f' paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jħallu t-twaħħil ta’ tikketti u mmarkar speċjali u li juru li l-apparat jilħaq il-kundizzjonijiet tal-valuri ta’ limitu qabel id-dati msemmija.

8. Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2003/37/KE, il-Kummissjoni għandha tallinja l-valuri ta’ limitu u d-dati ta' l-istadji IIIB u IV tal-valuri ta’ limitu u d-dati deċiżi wara l-proċedura ta' reviżjoni pprovduta għaliha fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2004/26/KE, għall-bżonnijiet tat-tratturi agrikoli u forestali u, b' mod partikolari, tratturi tal-kategoriji T2, T4.1 u C2.

▼B

*Artikolu 5*

**Rikonoxximent ta' ekwivalenza u konformità**

L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE għal tip jew familja ta' magni għandhom jagħrfu l-approvazzjoni tat-tip mogħtija skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness III u l-marki ta' l-approvazzjoni korrispondenti bħala li jkunu f'konformità ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 6*

**Aktar tnaqqis fil-limiti tal-valuri ta' l-emissjoni**

Malli d-disposizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 97/68/KE jkunu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 74/150/KEE, mingħajr dewmien tallinja l-limiti tal-valuri u d-dati li jinsabu f'din id-Direttiva ma' dawk adottati wara d-deċiżjonijiet meħuda skond l-Artikolu 19 imsemmi hawn fuq.

*Artikolu 7*

**Adatazzjonijiet tekniċi**

Kull emendi meħtieġa biex jiġu adattati l-ħtiġiet ta' l-Annessi għall-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 74/150/KEE.

*Artikolu 8*

**Emenda tad-Direttiva 74/150/KEE**

Fl-Anness II li jinsab mad-Direttiva 74/150/KEE id-Dettall 2.8.2 li ġej għandu jiddaħħal: "2.8.2 Emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni: SD":

*Artikolu 9*

**Trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali**

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel id-29 ta' Settembru 2000. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet mill-31 ta' Diċembru 2000.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

*Artikolu 10*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 11*

**Lil min hu indirizzata**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

▼B

## LISTA TA' L-ANNESSI

| | | |
|---|---|---|
| ANNESS I | Ħtiġiet għall inkwinanti li jirrilaxxa approvazzjoni ta' tip KE għal tip ta' magna jew familja ta' magni għal trattur bħala entità teknika separata skond l | |
| | Appendiċi 1: | Dokument ta' l-informazzjoni li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip KE ta' tip ta' magna bħala kampjun għall-użu fi trattur bħala unità teknika separata, skond l-inkwinanti li jirrilaxxa |
| | Appendiċi 2: | Approvazzjoni tat-tip KE għall-unità teknika separata |
| | Appendiċi 3: | L-immarkar tal-magni |
| | Appendiċi 4: | Numerazzjoni |
| | Appendiċi 5: | Marka ta' l-approvazzjoni tat-tip KE |
| ANNESS II | Ħtiġiet ta' lapprovazzjoni tat | |
| | Appendiċi 1: | Dokument ta' linformazzjoni |
| | Appendiċi 2: | Ċertifikat ta' lapprovazzjoni tattip KE |
| ANNESS III | Rikonoxximent ta' l-approvazzjonijiet ta' tip alternattiv | |

▼B

*ANNESS 1*

**ĦTIĠIET GĦALL-APPROVAZZJONI TA' TIP KE GĦAL TIP TA' MAGNA JEW FAMILJA TA' MAGNI GĦAL TRATTUR BĦALA ENTITÀ TEKNIKA SEPARATA SKOND L-INKWINANTI LI TIRRILAXXA**

0. ĠENERALI

Sakemm ma jkunux xort'oħra definiti b'din id-Direttiva, id-definizzjonijiet, is-simboli u l-abbrevjazzjonijiet xierqa li jinsabu fid-Direttiva 97/68/KE għandhom japplikaw.

1. DEFINIZZJONIJIET

— "tip ta' magna tat-trattur skond l-inkwinant mormi" tfisser magni bil-*compression-ignition* li ma jkollhom l-ebda differenzi essenzjali fir-rigward tal-karatteristiċi definiti fl-Appendiċi I ta' l-Anness I,

— "inkwinanti rilaxxati" tfisser inkwinanti ta' gass (monossidu tal-karbonju, idru-karburi, u ossidi tan-nitroġenu) u partikolati.

2. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE GĦAL TIP TA' MAGNA JEW FAMILJA TA' MAGNI BĦALA UNITÀ TEKNIKA SEPARATA

2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' tip jew familja ta' magni skond l-inkwinanti li jirrilaxxa għandha ssir mill-manifattur tal-magna jew l-aġent tiegħu.

2.2. Għandha tkun akkumpanjata bid-dokument tat-tagħrif, mimli fi tliet kopji, li l-kampjun tiegħu hemm disposizzjoni dwaru fl-Appendiċi 1 li jinsab ma' dan l-Anness.

2.3. Magna li tkun konformi mal-karatteristiċi tat-"tip tal-magna" jew "magna ewlenija bħala kampjun" deskritta fl-Appendiċi 1 li jinsab ma' dan l-Anness għandha tintbagħat lis-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet ta' l-approvazzjoni.

2.4. Fil-każ ta' applikant għall-approvazzjoni tat-tip ta' familja ta' magni, jekk l-awtorità li tapprova tistabbilixxi li, fi-rigward tal-magna ewlenija bħala kampjun magħżula, l-applikazzjoni mibgħuta ma tirrappreżentax għal kollox il-familja ta' magni deskritta fl-Anness II, l-Appendiċi 2, li jinsab mad-Direttiva 97/68/KE, alternattiva u, jekk meħtieġ magna oħra ewlenija bħala kampjun li tkun iddeterminata mill-awtorità li tapprova għandha tkun ipprovduta għall-approvazzjoni skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 97/68/KE.

3. SPEĊIFIKAZZJONIJIET U TESTIJIET

Id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 97/68/KE, l-Anness I, it-Taqsima 4 u l-Annessi III, IV u V huma applikabbli.

4. APPROVAZZJONI TAT-TIP GĦALL-UNITÀ TEKNIKA SEPARATA

Ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE li jkun konformi mal-kampjun li hemm disposizzjoni dwaru fl-Appendiċi 2 li jinsab ma' dan l-Anness għandu jinħareġ.

▼B

5. IMMARKAR TAL-MAGNA

Il-magna għandha tkun immarkata skond il-ħtiġiet ta' l-Appendiċi 3 li jinsab ma' dan l-Anness. In-numru ta' l-identifikazzjoni għandu jkun konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Appendiċi 4 u 5 li jinsabu ma' dan l-Anness.

6. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 74/150/KEE, il-konformità tal-produzzjoni għandha tkun ivverifikata skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima 5 ta' l-Anness I li jinsab mad-Direttiva 97/68/KE.

7. NOTIFIKA DWAR IL-ĦRUĠ TA' L-APPROVAZZJONIJIET

Avviż ta' l-approvazzjoni, l-estensjoni, iċ-ċaħda jew it-tneħħija ta' l-approvazzjoni jew tal-produzzjoni definittivament mhux imwettqa aktar dwar tip ta' magna skond l-Anness I jew it-tip ta' trattur skond l-Anness II għandu jkun ikkomunikat lill-Istati Membri skond l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 74/150/KEE8.

8. FAMILJA TA' MAGNI

8.1. Parametri li jiddefinixxu l-familja ta' magni

Il-familja ta' magni tista' tkun definita bil-parametri bażiċi ta' disinn li għandhom ikunu komuni għall-magni kollha f'dik il-familja. F'xi każi jista' jkun hemm interazzjoni ta' parametri. Dawn l-effetti għandhom ukoll jittieħdu f'konsiderazzjoni biex ikun assigurat li biss magni b'karatteristiċi simili ta' emissjoni ta' *exhaust* jiġu nklużi fil-familja ta' magna.

Biex magni jkunu kkunsidrati li jagħmlu sehem mill-istess familja, il-lista li ġejja ta' parametri bażiċi għandha tkun komuni.

8.1.1. Ċiklu ta' kombustjoni: *2 stroke/4 stroke* ([1])

8.1.2. Mezz ta' tkessiħ:arja/ilma/żejt ([1])

8.1.3. *Displacement* taċ-ċilindri individwali

— magni li għandhom ikunu f'firxa totali ta' 15 %

— in-numru ta' ċilindri għall-magni b'mekkaniżmu ta' post-trattament

8.1.4. metodu ta' l-aspirazzjoni ta' l-arja:l-aspirazzjoni naturali/iċċarġjata bil-pressa ([1])

8.1.5. Tip/disinn ta' kompartiment ta' kombustjoni

— pre-chamber

— swirl chamber

— open-chamber

([1]) Ħassar meta ma japplikax.

▼B

8.1.6. *Valve* u *porting* – il-konfigurazzjoni, id-daqs u n-numru

— *cylinder head*

— *cylinder wall*

— *crankcase*

8.1.7. Sistema tal-karburanti

— *pump-line-injector*

— *in-line pump*

— *distributor pump*

— *single element*

— *unit injector*

8.1.8. *Exhaust gas recirculation*

8.1.9. *Water injection/emulsion* ([1])

8.1.10. Injezzjoni ta' l-arja

8.1.11. *Charge cooling system*

8.1.12. Katalist ta' l-ossidazzjoni

8.1.13. Katalist tat-tnaqqis

8.1.14. Reattur termiku

8.1.15. Nassa tal-partikolati

8.2. Għażla ta' magna ewlenija bħala kampjun

8.2.1. Il-magna ewlenija bħala kampjun tal-familja għanda tiġi magħżula bl-użu tal-kriterji primarji għall-ogħla twassil ta' karburant kull *stroke* fil-veloċità massima dikjarata tat-*torque*. Jekk żewġ magni jew aktar ikollhom dan il-kriterju primarju, il-magna bħala kampjun għandha tingħażel bl-użu tal-kriterju sekondarju ta' l-ogħla twassil ta' karburant kull *stroke* f'veloċità klassifikata. Permezz ta' ċerti ċirkostanzi, l-awtorità li tapprova tista' tikkonkludi li l-għar każ ta' rata ta' emissjoni tal-familja tista' tkun l-aħjar ikkaratterizzata billi tkun ittestjata t-tieni magna. Għalhekk, l-awtorità li tapprova tista' tagħżel magna oħra għal testijiet ibbażati fuq il-fatturi li jindikaw li jista' jkollha l-ogħla livelli ta' emissjoni tal-magni f'dik il-familja.

8.2.2. Jekk il-magni fil-familja jinkorporaw fatturi varjabbli oħrajn, li jistgħu jkunu meqjusa li jaffettwaw l-emissjonijiet ta' l-*exhaust*, dawn il-fatturi għandhom ukoll jiġu identifikati u jittieħed akkont tagħhom fl-għażla tal-magna bħala kampjun.

([1]) Ħassar meta ma japplikax.

▼M1

*Appendiċi 1*

**Dokument ta' Informazzjoni**

**dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-approvazzjonijiet tat-tip tal-KE ta' kategorija ta' magna għall-użu fi trattur bħala unità teknika separata, skond it-tniġġis mormi**

L-informazzjoni stabbilita hawn taħt ser tkun fornuta fi tliet kopji b' lista ta' oġġetti mehmuża magħhom. Disinni meħtieġa għandhom ikunu fornuti bil-qisien xierqa u f'dettall suffiċjenti fuq daqs ta' karta A4 jew ġo fowlder ta' l-istess format. Ritratti fejn meħtieġa, jridu juru dettall suffiċjenti.

SEZZJONI 1 ĠENERALI

1. ***Parent engine*/It-tip tal-magna** ([1]) ([3])

1.1. Għamla (l-isem tan-negozju tal-manifattur): ....................

1.2. It-Tip u d-deskrizzjoni kummerċjali tal-parent engine u (jekk applikabbli) il-kategorija ta' magna(i) ([1]): ....................

1.3. Kodiċi ta' l-identifikazzjoni tat-tip immarkat mill-manifattur fuq il-magna u l-metodu tat-twaħħil:

1.3.1. Pożizzjoni, kodiċi u metodu ta' twaħħil tat-tip tan-numru ta' l-identifikazzjoni tal-magna: ....................

1.3.2. Pożizzjoni u metodu ta' twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE:

1.4. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: ....................

1.5. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-assembleġġ: ....................

SEZZJONI 2 IT-TIP TA' MAGNA FI ĦDAN IL-KATEGORIJA

2. **Karatteristiċi essenzjali tal-tal-kategorija parent engine tal-kategorija** ([3])

2.1. Deskrizzjoni tal-magna *compression-ignition*

2.1.1. Manifattur: ....................

2.1.2. Il-kodiċi tal-magna tal-manifattur skond kif mwaħħla mal-magni: ....................

2.1.3. Ċiklu: *four stroke/two stroke* ([1])

2.1.4. Diamentru Intern: .................... mm

2.1.5. *Stroke*: .................... mm

2.1.6. Numru u tqassim taċ-ċilindri: ....................

2.1.7. Ċilindrata: .................... $cm^3$

▼M1

2.1.8. *Rated speed*: .................................................................... r/min

2.1.9. *Peak-torque speed*: .................................................................... r/min

2.1.10. Proporzjon tal-Kompressjoni ([2]): ..............................................................................................................................................

2.1.11. Deskrizzjoni tas-sistema tal-kombustjoni: ..............................................................................................................................

2.1.12. Disinn(i) tal-kompartiment tal-kombustjoni u ras il-pistun: .......................................................................................................

2.1.13. Erja tal-qasma tan-nofs minima għall-bokki u l-iżbokki: ..........................................................................................................

2.1.14. Sistema ta' tkessiħ:

2.1.14.1. Likwidu għat-tkessiħ

2.1.14.1.1. Karateristiċi tal-likwidu għat-tkessiħ: ......................................................................................................................

2.1.14.1.2. Pompa(i) taċ-ċirkolazzjoni: iva/le ([1])

2.1.14.1.3. Karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i) (jekk applikabbli): ...........................................................................................

2.1.14.1.4. *Drive ratio(s)* (jekk applikabbli): ..............................................................................................................................

2.1.14.2. Arja

2.1.14.2.1. *Blower*: iva/le ([1])

2.1.14.2.2. Karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i) (jekk applikabbli): ...........................................................................................

2.1.14.2.3. *Drive ratio(s)* (jekk applikabbli): ..............................................................................................................................

2.1.15. Temperatura permessa mill-manifattur:

2.1.15.1. Sistema ta' tkessiħ bil-likwidu *(liquid cooling)*:temperatura massima fil-bokka: .................. K

2.1.15.2. Sistema ta' tkessiħ bl-arja *(air cooling)*: punt ta' referenza: ....................................................................................................

Temperatura massima fil-punt tar-referenza: ..................... K

2.1.15.3. Temperatura massima fl-iżbokk ta' l-*intercooler* (jekk applikabbli): ..................... K

2.1.15.4. Temperatura massima ta' l-egżost fil-punt fejn il-pajp ta' l-egżost huwa maġemb il-flanġ ta' *manifold(s)* ta' l-egżost: ...................... K

2.1.15.5. Temperatura tal-lubrikant: minima: ..................... K massima: ................... K

2.1.16. Karikatur tal-pressjoni *(pressure charger)*: iva/le ([1])

2.1.16.1. Għamla: .........................................................................................................................................................................

2.1.16.2. Tip: ...............................................................................................................................................................................

2.1.16.3. Deskrizzjoni tas-sistema (e.ż. pressjoni karika massima, l-iżbokk tar-rimi *(waste-gate)*, jekk applikabbli): .............................

2.1.16.4. *Intercooler*: iva/le ([1])

2.1.17. Sistema ta' *Intake*: *intake depression* massima permessa tar-*rated engine speed* u b' tagħbija ta' 100%: ..................... kPa

2.1.18. Sistema ta' l-egżost: *back pressure* ta' l-egżost massima permessa tar-*rated engine speed* u b' tagħbija ta' 100%: .................... kPa

▼M1

2.2. Strumenti addizzjonali kontra t-tniġġis (jekk hemm, u jekk mhux koperti b' intestatura oħra)

Deskrizzjoni u/jew ([1]) disinn(i): ...............................................

2.3. Alimentazzjoni tal-fjuwil

2.3.1. Pompa ta' l-alimentazzjoni

Pressjoni ([2]) jew disinn karatteristiku: ............................ kPa

2.3.2. Sistema ta' injezzjoni

2.3.2.1. Pompa

2.3.2.1.1. Għamla(iet): ...............................................

2.3.2.1.2. Tip(i): ...............................................

2.3.2.1.3. *Delivery:* ............................ $mm^3$ ([2]) għal kull *stroke* jew ċiklu ta' *pump speed* ta': ................................... r/min *(rated)* u ........................................ r/min (*torque* massima), rispettivament, jew disinn karatteristiku

Iddikjara l-metodu użat: fuq il-magna/ fuq il-*pump bench* ([1])

2.3.2.1.4. *Injection advance*

2.3.2.1.4.1. *Injection advance curve* ([2]): ...............................................

2.3.2.1.4.2. *Timing* ([2]): ...............................................

2.3.2.2. *Injection piping*:

2.3.2.2.1. Tul ............................. mm

2.3.2.2.2. Dijametru Intern ............................. mm

2.3.2.3. Injector(s)

2.3.2.3.1. Għamla(iet): ...............................................

2.3.2.3.2. Tip(i): ...............................................

2.3.2.3.3. Pressjoni tal-ftuħ ([2]) jew disinn karatteristiku: ...............................................

2.3.2.4. Governor

2.3.2.4.1. Għamla(iet): ...............................................

2.3.2.4.2. Tip(i): ...............................................

2.3.2.4.3. Veloċità meta jibda l-*cut off* taħt tagħbija sħiħa ([2]): ............................ r/min

2.3.2.4.4. Veloċità massima b'tagħbija żero ([2]): ............................ r/min

2.3.2.4.5. *Idling Speed* ([2]): ............................. r/min

2.3.3. Sistema *cold-start*

2.3.3.1. Għamla(iet): ...............................................

2.3.3.2. Tip(i): ...............................................

2.3.3.3. Deskrizzjoni: ...............................................

▼M1

2.4 *Timing* tal-Valv

2.4.1. *Lift* massimu u angoli tal-ftuħ u għeluq skond it-*top dead centre* jew data ekwivalenti: ..........

2.4.2. *Clearances* ta' referenza u/jew *setting ranges* ([1])

2.4.3. Sistema ta' valv *timing* varjabbli (jekk u fejn applikabbli: *intake* u/jew egżost): ..........

2.4.3.1. Tip: kontinwu jew mixgħul/mitfi

2.4.3.2. *Cam phase shift angle*: ..........

2.5 Konfigurazzjoni tal-*porting*

2.5.1. Pożizzjoni, daqs u numru: ..........

2.6. Funzjonijiet ta' kontroll elettroniku

Jekk il-magna għanda karateristiċi ta' funzjonijiet ta' kontroll elettroniku, l-informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni tagħhom trid tkun fornuta u tinkludi:

2.6.1. Għamla: ..........

2.6.2. Tip: ..........

2.6.3. Numru tal-Parti: ..........

2.6.4. Pożizzjoni ta' l-unità elettronika tal-kontroll tal-magna: ..........

2.6.4.1. X'*reading* ittik: ..........

2.6.4.2. X'tikkontrolla: ..........

SEZZJONI 3 KATEGORIJA TA' MAGNA *COMPRESSION-IGNITION*

3. **Karatteristiċi essenzjali tal-kategorija tal-magna**

3.1. Lista tat-tipi ta' magni f' kategorija

3.1.1. Isem tal-kategorija tal-magna: ..........

3.1.2. Speċifikament tat-tipi ta' magni f'din il-kategorija:

| | | | | | Parent engine |
|---|---|---|---|---|---|
| Tip ta' magna | | | | | |
| Numru ta' ċilindri | | | | | |
| *Rated speed* (r/min) | | | | | |
| Fjuwil *delivery* għal kull *stroke* ($mm^3$) b' *rated speed* | | | | | |
| *Rated net power* (kW) | | | | | |
| *Torque speed* massima (r/min) | | | | | |
| Fjuwil *delivery* għal kull *stroke* ($mm^3$) b' *torque speed* massima | | | | | |
| Torque *massima* (Nm) | | | | | |
| *Rated speed* (r/min) | | | | | |
| Ċilindrata bħala % tal-*parent engine* | | | | | 100 |

▼M1

SEZZJONI 4 TIP TA' MAGNA

4. **Karatteristiċi essenzjali tat-tip ta' magna**

4.1. Deskrizzjoni tal-magna

4.1.1. Manifattur: ...............................................................................................................................................................

4.1.2. Il-kodiċi tal-magna tal-manifattur skond kif mwaħħla mal-magni: .................................................................................

4.1.3. Ċiklu: *four stroke/two stroke* ([1])

4.1.4. Diamentru Intern: ............................ mm120

4.1.5. *Stroke*: ................................ mm

4.1.6. Numru u tqassim taċ-ċilindri: .....................................................................................................................................

4.1.7. Ċilindrata: ............................... $cm^3$

4.1.8. *Rated speed*: .............................. r/min

4.1.9. *Peak-torque speed*: ............................ r/min

4.1.10. Proporzjon tal-Kompressjoni ([2]): .................................................................................................................................

4.1.11. Sistema tal-Kombustjoni: .............................................................................................................................................

4.1.12. Disinn(i) tal-kompartiment tal-kombustjoni u ras il-pistun: ...........................................................................................

4.1.13. Erja tal-qasma tan-nofs minima għall-bokki u l-iżbokki: ...............................................................................................

4.1.14. Sistema ta' tkessiħ

4.1.14.1. Likwidu għat-tkessiħ

4.1.14.1.1. Karateristiċi tal-likwidu għat-tkessiħ: ...........................................................................................................................

4.1.14.1.2. Pompa(i) taċ-ċirkolazzjoni: iva/le ([1])

4.1.14.1.3. Karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i) (jekk applikabbli): ...............................................................................................

4.1.14.1.4. *Drive ratio(s)* (jekk applikabbli): ..................................................................................................................................

4.1.14.2. Arja

4.1.14.2.1. *Blower*: iva/le ([1])

4.1.14.2.2. Karatteristiċi jew għamla(iet) u tip(i) (jekk applikabbli): ...............................................................................................

4.1.14.2.3. *Drive ratio(s)* (jekk applikabbli): ..................................................................................................................................

4.1.15. Temperatura permessa mill-manifattur: ......................................................................................................................

4.1.15.1. Sistema ta' tkessiħ bil-likwidu *(liquid cooling)*:temperatura massima fil-bokka: .............................. K

4.1.15.2. Sistema ta' tkessiħ bl-arja *(air cooling)*: punt ta' referenza: ........................................................................................

Temperatura massima fil-punt tar-referenza: ............................. K

4.1.15.3. Temperatura massima fl-iżbokk ta' l-*intercooler* (jekk applikabbli): ............................. K

4.1.15.4. Temperatura massima ta' l-egżost fil-punt fejn il-pajp ta' l-egżost huwa maġemb il-flanġ ta' *manifold(s)* ta' l-egżost: .............................. K

▼M1

4.1.15.5. Temperatura tal-lubrikant: minima: ................................ K massima: .............................. K

4.1.16. Karikatur tal-pressjoni *(pressure charger)*: iva/le ([1])

4.1.16.1. Għamla: ...........................................................................................................

4.1.16.2. Tip: ...........................................................................................................

4.1.16.3. Deskrizzjoni tas-sistema (e.ż. pressjoni karika massima, l-iżbokk tar-rimi *(waste-gate)*, jekk applikabbli):

4.1.16.4. *Intercooler*: iva/le ([1])

4.1.17. Sistema ta' *Intake*: *intake depression* massima permessa tar-*rated engine speed* u b' tagħbija ta' 100%: ..................... kPa

4.1.18. Sistema ta' l-egżost: *back pressure* ta' l-egżost massima permessa tar-*rated engine speed* u b' tagħbija ta' 100%: ......................... kPa

4.2. Strumenti addizzjonali kontra t-tniġġis (jekk hemm, u jekk mhux koperti b' intestatura oħra)

Deskrizzjoni u/jew ([1]) disinn(i): ...........................................................................................................

4.3. Alimentazzjoni tal-fjuwil:

4.3.1. Pompa ta' l-alimentazzjoni

Pressjoni ([2]) jew disinn karatteristiku: ................................ kPa

4.3.2. Sistema ta' injezzjoni

4.3.2.1. Pompa

4.3.2.1.1. Għamla(iet): ...........................................................................................................

4.3.2.1.2. Tip(i): ...........................................................................................................

4.3.2.1.3. *Delivery*: ................................ $mm^3$ ([2]) għal kull *stroke* jew ta'ċiklu ta' *pump speed* ta': .............................. r/min *(rated)* u ............................................ r/min (*torque* massima), rispettivament, jew disinn karatteristiku

Iddikjara l-metodu użat: fuq il-magna/ fuq il-*pump bench* ([1])

4.3.2.1.4. Injection advance

4.3.2.1.4.1. *Injection advance curve* ([2]): ...........................................................................................................

4.3.2.1.4.2. *Timing* ([2]): ...........................................................................................................

4.3.2.2. *Injection piping*:

4.3.2.2.1. Tul ................................. mm

4.3.2.2.2. Dijametru Intern .............................. mm

4.3.2.3. Injector(s)

4.3.2.3.1. Għamla(iet): ...........................................................................................................

4.3.2.3.2. Tip(i): ...........................................................................................................

4.3.2.3.3. Pressjoni tal-ftuħ ([2]) jew disinn karatteristiku ([1]): ...........................................................................................................

4.3.2.4. Governor(s)

▼M1

4.3.2.4.1. Għamla(iet): ...............................................................................................................................................................

4.3.2.4.2. Tip(i): ...............................................................................................................................................................

4.3.2.4.3. Veloċità meta jibda l-*cut off* taħt tagħbija sħiħa (2): ................................ r/min

4.3.2.4.4. Veloċità massima b'tagħbija żero (2): ............................ r/min

4.3.2.4.5. *Idling Speed* (2): ............................. r/min"

4.3.3. Sistema *cold-start*

4.3.3.1. Għamla(iet): ...............................................................................................................................................................

